MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1210/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR SARAH MAGRI**

**VS**

**MUKHTAR ABDI EIDED**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mukhtar Abdi Eided, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 101098A.

**Akkuzat talli:**

1. Nhar it-8 ta` Dicembru, 2013, bejn it-tmienja ta` filghaxija (20:00hrs) u d-disgha ta` filghaxija (21:00hrs) gewwa Triq is-Salib tal-marsa, Marsa ingurja jew hedded,

hjew ghamel offiza fuq il-persuna ta` wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` kontra PC 1289 Andrei Cassar, u ikkagunalu griehi ta` natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Glenn Garzia, Med. No. No. 3226 tal-Klinika tal-Floriana;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe` lil PC 1289 Andrei Cassar, WPS 278 Sherona Buhagiar u WPS 148 Denise Camilleri biza` li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta` taghhom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'post pubbliku jew miftuh ghal pubbliku kien fi stat ta` sakra li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifsu;

5. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi li gew definittivi.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini ta` l-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil PC 1289 Andrei Cassar, WPS 278 Sherona Buhagiar u WPS 148 Denise Camilleri kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 95, 339 (e), 338 (dd), 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni, il-Qorti m’ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tikkundannah terminu ta` seba` (7) xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------